Minuti tal-Laqgħa Nru. 8 tas-Sitt Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa, 2 ta' Novembru 2012 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Sindku | Is-Sur. John Schembri |
| Viċi Sindku | Is-Sur. Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur. Victor Caruana<br>Is-Sur. Christian Falzon<br>Is-Sur. Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura. Lucia Massa |
| Skużati | Is-Snrna. Christina Sammut |
| Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur. Michael Portelli |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti Mqajjma mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Tenders
5. Ħarġa Kulturali
6. SkolaSport
7. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1.0 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Il-minuti tal-laqgħa preċedenti inqraw u ġew approvati.

## 2.0 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti imqajjma fil-minuti.

## 3.0 KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku semma li rigward is-sitwazzjoni li hawn bħalissa dwar il-gwardjani lokali saret laqgħa minħabba li dawn mhumiex qed jagħtu twissijiet lill-pubbliku imma qed joħorġu ċ-ċitazzjonijiet mill-ewwel. Huwa semma li din is-sitwazzjoni qed tkun inġusta ma diversi residenti.

3.2 Is-Sindku semma li dwar is-sitwazzjoni tat-Trasport Pubbliku baqa kollox l-istess anki wara li kienet saret il-laqgħa u kien hemm konsultazzjoni, għalhekk reġgħet intbagħtet email oħra biex ikun hemm aktar pressjoni.

3.3 Is-Sindku appella lill-Kunsillier Caruana biex ikun huwa wkoll li jmur ikellem lill tat-Trasport Pubbliku u jkompli jagħmel pressjoni.

3.4 Il-Kunsillier Caruana ikkritika it-Trasport Pubbliku dwar il-mod ta kif ikunu mgħobbija l-karozzi. Huwa semma li huwa lest li jieħu r-ritratti ta kif dawn ikunu mgħobbija u anki jgħaddihom lill minn hu konċenat sabiex jaraw huma stess b' għajnejhom is-sitwazzjoni.

3.5 Is-Sindku semma li se ssir Fun Run minn naħa tal-Iskola Primarja fit-22 ta Novembru. Huwa semma li minn naħa tal-Iskola dawn talbu lill-Kunsill sabiex fejn ikun jista jipprovdi assistenza biex waqt il-Fun Run ma jkun hemm l-ebda problemi.

3.6 Is-Sindku semma li fuq il-courses tal-computer minn naħa tat-TCTC dawn talbu lill-Kunsill sabiex iħallas is-somma ta Euro 1100 biex ikunu organiżżati dawn il-courses. Huwa kellem lill-headmistress tal-iskola sabiex l-ispiża tinqasam minn nofs bejn l-iskola u l-Kunsill Lokali. S' issa pero għadu ma kien hemm l-ebda risposta. Is-Sindku ta suġġeriment lis-Segretarju biex jkun hemm żieda fil-prezz għal parteċipanti u b' hekk tonqos l-ispiża għall Kunsill Lokali.

3.7 Il-Viċi Sindku semma li għal attivitajiet ta Jum Ħal Luqa għas sena d-dieħla tista ssir attivita bl isem Drawwiet Missirijietna. Din l-attivita jista jkollha re anactment tal-ħajja tal-passat kif ukoll diversi stands armati u displays.

3.8 Il-Kunsillier Caruana issuġġerrixxa biex ikun hemm l-koperazzjoni taż-żewġ Każini tal-Banda peress li dawn jista jkollhom xi ideat biex jgħinu għal din l-attivita. Huwa semma wkoll li ġewwa Ħal Luqa kien hemm bosta nies tas-snajja li jistgħu jagħmlu esebizzjoni

tas-snajja tagħhom. Il-Kunsillier Caruana semma li dawn il-preparamenti għandhom jibdew isiru wara l-Milied sabiex ikun hemm ippjanar aħjar.

3.9 Il-membri tal-Kunsill preżenti waqt il-laqgħa qablu fuq it-tema u għalhekk se nipproċedu bl applikazzjoni.

3.10 Is-Sindku semma li saret iz-zebra crossing ta Triq il-Ġdida wara li kien hemm ħafna taqtigħ il-qalb minn naħa tat-TM biex inħareġ il-permess.

3.11 Il-Kunsillier Caruana ikkumenta fuq il-ħaddiema peress li dawn kienu qed imorru l-garaxx biex jibdew ix-xogħol tard. Huwa appella lis-Segretarju sabiex dawn jintbagħatu mill-ewwel filgħodu sabiex jibdew ix-xogħol li jkun hemm ippjanat. Huwa ssuġġerrixxa sabiex filgħodu jkun hemm kuntatt miegħu u jiġi kkordinat ix-xogħol.

3.12 Il-Kunsillier Caruana semma li għandu informazzjoni li l-kennies qed iħalli l-karetta ġewwa l-flats biex imbagħad jiġġborha minn hemm. L-istess Kunsillier semma li x-xogħol li kien qed jagħmel tas-soft areas għadu ma sarx tal-kwalita tiegħu ġewwa Ħal Luqa meta kien hemm l-ELC. Huwa semma li għandu jsir żbir fi Triq id-9 t' April fil-jiem li ġejjin skont kif kien indikat mis-Sindku aktar kmieni.

3.13 Il-Kunsillier Camilleri semma li għad dawl tal-Milied nistgħu nkellmu lill-Każini sabiex jorganiżżaw il-mixgħela huma. Is-Sindku semma li biex isir xi ħaġa ta dan it-tip l-ewwel il-Kunsill irid ikun jaf huma x se jorganiżżaw anki biex jara kemm il-Kunsill se jkun qed joħroġ bħala flus. Is-Sindku semma li din il-proposta għandha tkun diskussa mal-Każini sabiex naraw il-proposti tagħhom u nkunu nistgħu nimxu minn hemm. Il-Kunsillier Caruana semma li biż-żmien il-Każini jistgħu jżidu l-armar tal-Milied fit-toroq u jkunu propjeta tal-Każini mingħajr mal-Kunsilli jagħmel spejjeż kbar.

## 4.0 TENDERS

4.1 Dwar l-item tat-tenders is-Sindku semma li dan ma jistax jiġi diskuss peress li kellu jitlesta rapport li s' issa għadu ma tlestiex minn naħa tal-Perit u għalhekk ma kienx diskuss minn naħa tal-Bord.

## 5.0 ĦARĠA KULTURALI

5.1 Il-Kunsilliera Massa semmiet li se ssir ħarġa kulturali li hija ippjanata biex isir fit-Torri ta San Luċjan biex jaraw il-proċess tal-ħut. Il-Kunsilliera Massa semmiet li kien hemm xi problemi minħabba l-aċċess għan nies.

5.2 Il-Kunsillier Caruana issuġġerrixxa biex il-ħarġa isir għal War Museum u jkun hemm qsim bil-Ferry biex dawk li jiġu jkollhom l-opportunita li jaqsmu l-Port il-Kbir. Il-membri tal-Kunsill semmew li se jkunu qed jikkonsidraw din il-proposta.

## 6.0 SKOLA SPORT

6.1 Il-Kunsillier Chris Falzon saqsa jekk il-Kunsill kienx applika għal iskema tal-After School Sports Programme. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill se jkun qed japplika għal din l-Iskema peress li meta saret kien hemm attendenza tajba minn naħa tal-iskola.

## 7.0 APPROVAZZJONI TA ĦLASIJIET

7.1 Dwar il-pagamenti il-Kunsillier Caruana semma li l-kont li għandu x jaqsam mal-ELC huwa qed jastjeni minnu.

7.2 Il-Kunsilliera qablu mal-iskeda tal-pagamenti.

## 8.0 AĠĠORNAMENT

Ma kienx hemm aktar punti fuq l-Aġenda biex jiġu diskussi u għaldaqstant is-Sindku iddikjara l-laqgħa magħluqa nhar il-Ġimgħa 2 ta' Novembru 2012, fis-7.00 p.m. Ma kienx hemm data proposta għal laqgħa li jmiss.

Konfermati llum ______________________ 2012.

______________________ ______________________

John Schembri — Sindku

Michael Portelli — Segretarju Eżekuttiv